**Taħriġ il-Fehim mis-Smigħ**

**Karta tal-għalliema**

Jagħmlu l-ġiżirani

Kulħadd kien jaf kemm Miss Marija Cutajar kienet tħobb tagħmel xogħol volontarju u kif kienet tħobb trawwem lit-tfal tal-klassi tagħha biex jagħmlu l-istess.

Meta kien wasal il-Milied, Miss Cutajar ġietha idea fuq kif it-tfal jistgħu jagħmlu xi ħaġa speċjali waqt il-vaganzi u għalhekk tkellmet mal-kap tal-iskola Ms. Yvonne dwar din l-idea. Din qablet magħha.

Kif l-għalliema Ms. Marija qalet lit-tfal li kellha pjan għal waqt il-vaganzi, dawn qabżu fuqha u lanqas biss ħallewha tispiċċa s-sentenza, għax bdew jgħajtu 'Iva! Iva!' mill-ewwel.

Miss Marija talbithom iduru dawra mad-dar, u forsi jistaqsu lill-qraba u lil xi ġirien jekk kellhomx xi kullani, brazzuletti, jew ġiżirani li ma kellhomx bżonnhom iżjed.

It-tfal iddubbaw dak kollu li kellhom bżonn għal dan il-proġett u tant kellhom kollezzjoni kbira ta' affarijiet li kellhom ikomplu s-Sibt ta' wara. Marret tgħinhom ukoll is-Sinjura Xerri u din ħadet ħsieb tagħsar il-larinġ u ġġibilhom x'inaqqru.

Kemm ħadmu bil-qalb. Il-pjan kien li jbigħu dawk il-brazzuletti u l-ġiżirani li għamlu, u l-flus li jaqilgħu jagħtuhom għall-karita`.

Il-'ħanut' fetaħ fil-bitħa tal-iskola fil-ħin tal-brejk fl-aħħar ġurnata tal-iskola. Kemm ġew nies! U mhux il-ġenituri tat-tfal biss, tafux!